MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 247/2002

-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs
Anthony Camilleri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 27 ta' Marzu, 2001, u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-ligi w fin-nuqqas jehel multa ohra ta' sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 t'Ottubru, 2002, li biha wara rat l-artikolu 76 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 sabet lill-imputat Anthony Camilleri hati ta' l-akkuza kif dedotta w kkundannatu ghal penali ta' LM3036 (tlett elef u sitta w tletin Liri Maltin) multa, rapprezentanti l-perjodu bejn it-28 ta' Mejju 2001 sad-data tal-15 t'Ottubru 2002, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, w tiddikjarah mhux hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w kwindi tilliberah minnha w tikkancella l-piena fuqu imposta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li nholoq dubju serju dwar id-depozizzjoni moghtija mill-uniku xhud tal-prosekuzzjoni James Farrugia, liema dubju ghandu jimmilita favur u mhux kontra l-appellant u ghalhekk ma jistax jaccetta l-konkluzzjoini li waslet ghaliha l-ewwel Qorti .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet mill-gdid ix-xiehda ta' James Farrugia fil-kors tas-seduta tas-16 ta' Jannar, 2003,

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tal-istess seduta;

Ikkonsidrat ;

Illi l-punt kardinali li fuqu qed jibbaza l-appell tieghu l-appellant hu li x-xhud James Farrugia, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti , ma kienx cert mill-identita' tal-appellant u ghalhek ma kienx hemm identifikazzjoni pozittiva tieghu bhala l-persuna li kienet giet sentenzjata b'sentenza precedenti tal-istess Qorti.

Illi l-provi mismugha quddiem l-Ewwel Qorti ma gewx traskritti w ghalhekk din il-Qorti jkollha bil-fors toqghod fuq il-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti li jikkonsistu fix-xiehda ta' James Farrugia biss, ghax l-appellant ma xehedx quddiem din il-Qorti.

Mistoqsi ripetutament minn din il-Qorti, James Farrugia, nsista bla ebda ezitazzjoni jew tlaqlieq li hu kien qed jagharaf lill-appellant bhala l-persuna li kienet giet misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali b'sentenza tas-27 ta' Marzu, 2001 li vera kopja taghha tinsab esebita a fol. 8 tal-process. Qal li m'ghandu ebda dubju dwar dan . Spjega ukoll li l-kawzi ta' min jonqos li jibghat returns ma jkunux daqs kawzi ohra fin-numru w li ma dawn in-nies id-Dipartiment jimxi bi procedura differenti w ,di fatti, jirtira hafna minnhom jekk ikunu ssottomettew ir-returns sad-data tas-seduta quddiem l-Ewwel Qorti. Umbaghad l-istess Qorti taghti differiment biex ir-return ikun jista' jintbaghat u biex wiehed jottempera ruhu mal-ligi w ghalhekk ma jkunx hemm kwantita' kbira ta' nies li jinstabu hatja ta' dan ir-reat. Hu ghandu memorja tajba hafna w jipprova jaghmel sforz biex jiftakar min jigi kundannat ghal dan it-tip ta' nuqqas.

F'dan l-istat tal-provi , u konfrontata mix-xiehda kategorika w univoka ta' James Farrugia, li din il-Qorti ma ghandhiex raguni ghala ghandha tiddubitha u fl-assenza ta' xi prova kuntrarja , din il-Qorti ma tistax hlief tikkonferma s-sentenza appellata w zgur li mhux il-kaz li arbitrarjament tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi maghmul mill-istess Qorti meta kollox jindika li dan hu l-uniku apprezzament li setghet ghamlet .

Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------